# Ġwanni ta' San Sansun

## *"Il-mera u l-fjammi tal-imħabba divina"*

**minn P. Glen Attard, O.Carm.**

Ktieb ieħor ta' fra Ġwann ta' San Sansun li ġabar P. Donatien iġib l-isem *Il-mera u l-fjammi tal-imħabba divina*. Għalkemm huwa qasir ħafna, b'kollox ma jgħoddx aktar minn tmien kapitli, l-importanza tiegħu jixhdu l-fatt li fi ftit snin wara l-mewt ta' fra Ġwann ġie ppubblikat tliet darbiet, kull darba b'diversi siltiet miżjudin, sakemm fl-1658 P. Donatien tana l-verżjoni li għandna f'idejna llum fl-ewwel volum tal-opri kompleti li hu ġabar. It-titlu oriġinali ta' dan it-trattat, li nstab qalb il-manuskritti ta' Rennes, huwa ferm itwal u suġġestiv tal-kontenut mistiku li jiġbor: *L-ixprun, il-fjammi, il-vleġeġ, u l-mera tal-imħabba ta' Alla meħtieġa biex iħarrġu lir-ruħ maħtufa minn Alla f'Alla nnifsu.* Huwa ġabra ta' riflessjonijiet li nstabu qalb in-noti ta' P. Duminku ta' San Albert, li kien dixxiplu prominenti ta' fra Ġwann. Jidher li dan it-trattat qasir twieled għar-reliġjużi tal-kunvent ta' Sant'Ilarju u kien maħsub biex iħeġġeġ lill-aħwa għall-għajxien ta' ħajja spiritwali awtentika. Barra minn hekk, għalkemm mhux parti oriġinali mill-manuskritt, P. Donatien għażel li jżid ma' dan it-trattat ittra mqanqla li fra Ġwann bagħat lil Antoine Revol, l-Isqof ta' Dol, fl-1629. Dan l-isqof, li kien iżomm lil fra Ġwann fi stima għolja tant li kien imur għandu għad-direzzjoni spiritwali, issa ta' tmenin sena, kien spiss iżuru biex jitħaddet miegħu fuq il-ħajja spiritwali u jħejji ruħu biex jagħmel mewta tajba.

Dan it-trattat imiss, biex ngħidu hekk, it-temi prinċipali tad-duttrina mistika ta' fra Ġwann, u għalhekk nistgħu ngħidu li huwa bħal sintesi tal-esperjenza u t-tagħlim tiegħu. L-ewwel kapitlu jitkellem dwar l-għarfien tagħna nfusna. It-tieni, imbagħad, jitkellem dwar il-preżenza ta' Alla bħala l-lok li fih dan l-għarfien huwa l-aktar ġenwin. It-tielet jitkellem dwar il-fatt li l-imħabba ta' Alla għandha "toħroġ" fil-beraħ permezz tal-prattika tal-virtujiet. Ir-raba' kapitlu jkompli fuq dan l-istess punt. Il-ħames, imbagħad, jittratta l-proċess tal-ħajja mistika u jurina l-gradwalità tat-trasformazzjoni tar-ruħ sakemm din tasal biex tgawdi lil Alla mhux fl-attributi tiegħu, imma fih innifsu. Is-sitta u s-seba' jitkellmu dwar it-talb aspirattiv bħala l-atteġġjament li wieħed għandu jindokra fih innifsu biex jilħaq din l-għaqda ma' Alla. Fl-aħħar nett, it-tmien kapitlu huwa ittra, jew aħjar "eżerċizzju spiritwali", indirizzat lill-Isqof ta' Dol.

Fra Ġwann jibda bl-aktar mod ċar mill-esperjenza umana li fiha aħna msejħin infittxu lil Alla. Il-mezz ta' dan huwa li nkunu nafu lilna nfusna. Fil-fatt, minn mindu l-ispiritwalità rinaxximentali tas-seklu 16 kienet irkuprat fiduċja kbira fl-esseri uman, li b'xi mod kienet iċċajpret matul il-Medju Evu, ħafna mistiċi, ibda minn Santa Tereża ta' Ġesù, San Ġwann tas-Salib, Sant'Injazju ta' Loyola, u ħafna iktar, bħal reġgħu skoprew id-duttrina siewja ta' Santu Wistin li fil-*Konfessjonijiet* jistqarr li l-post veru fejn niltaqgħu ma' Alla huwa ġewwa fina, billi nsiru nafu verament min aħna u d-dinjità li aħna nġorru fina. F'dan ir-rigward, fra Ġwann mhuwiex differenti minn dawn il-mistiċi l-kbar li semmejna. L-ewwel kapitlu jiftaħ appuntu b'enfasi kbira fuq l-għarfien tagħna nfusna. Jagħmilha ċara li l-għarfien li qed jitkellem dwaru mhuwiex wieħed intellettwali, imma pjuttost affettiv, li jmiss il-qalb, u allura r-rieda. Għal fra Ġwann, l-għarfien tagħna nfusna jibda, iva, billi nirrikonoxxu li aħna midinbin, imma aktar minn hekk billi nkunu "mill-aktar affaxxinati u mħawdin" bl-imħabba ta' Alla. Bi gratitudni kbira għal dak li Alla jagħmel magħna, kważi wieħed iħossu "obbligat" li jinfetaħ għaliH. B'hekk, it-tisfija tar-ruħ mhija xejn ħlief eżerċizzju ta' mħabba ġeneruża, li nitgħallmu nħobbu kif "Alla jrid u jitlob minna" (kap. 1). It-tisfija tar-ruħ mhija xejn faċli. Imma Alla jgħinna, għalkemm

mhux dejjem nafu kif. Paradossalment, kif jgħidilna San Pawl f'Rumani 5:20, għar-ruħ li tixtieq bi mħabba kbira lil Alla, aktar ma tesperjenza x-xejn u d-dnub tagħha, dan aktar jimbuttaha biex tingħaqad ma' Alla. Id-dnub ma jifridhiex imma jgħaqqadha ma' Alla. M'aħniex ngħidu li fra Ġwann qiegħed jiġġustifika li aħna nidinbu u li nagħmlu li rridu fil-preżenza ta' Alla. Dan ma jkun qatt! Imma qiegħed pjuttost iħeġġeġ lil dawk li jaqtgħu qalbhom milli qatt jistgħu jkunu bis-sħiħ ma' Alla biex ma jħallux it-tentazzjoni u d-dnub jiskuraġġihom milli jħobbuH u jitqanqlu iżjed għaliH (ara kap. 2). Fra Ġwann jiġbor dan kollu f'talba qasira imma penetranti lil Alla, "[Agħmel] li nkun naf lili nnifsi, Imħabba għażiża tiegħi, u li nkun naf lilek" (kap. 1).

Aspett ieħor tal-esperjenza mistika ta' fra Ġwann huwa t-talb aspirattiv, li hu jiddefinih bħala "kollokwju" jew "impuls" ta' mħabba, "qalb infjammata bl-Ispirtu [ta' Alla]." Fi kliem ieħor, huwa atteġġjament interjuri li permezz tiegħu, skont kif tgħidilna r-Regola, għandna "lejl u nhar naħsbu fuq il-Liġi tal-Mulej u nishru fit-talb" (*Regola*, 10). Għal fra Ġwann, l-aspirazzjoni, kif inhu wkoll imsejjaħ fil-qasir, mhuwiex eżerċizzju komuni bħall-oħrajn, lanqas huwa mezz ieħor bħall-oħrajn biex nilħqu l-għaqda ma' Alla. Għall-kuntrarju, il-ħajja mistika kollha kemm hi tieħu l-forma ta' talba aspirattiva li tevolvi hekk kif tevolvi r-ruħ f'Alla. Aktar ma r-ruħ tiġi ttrasfomata, bil-mod il-mod l-aspirazzjoni jibda billi jieħu l-forma ta' kliem li aħna nlissnu ripetutament waqt it-talb tagħna li mbagħad jinbidel fi skiet divin mimli bil-preżenza ta' Alla. It-talb aspirattiv mela huwa li nsiru konxji tal-moviment ta' Alla li jakkumpanja lir-ruħ fit-tappi differenti tal-vjaġġ tagħha. Fil-qalba tal-aspirazzjoni hemm mela mhux konverżazzjoni bi kliem imma bl-orjentazzjonijiet fundamentali tagħna, bl-intenzjonijiet tagħna, b'dak li aħna fil-qalba tal-qalb tagħna, fejn Alla jgħix fina. Huwa deċiżjoni li aħna nieħdu favur Alla, u din id-deċiżjoni msoqqija bix-xita tal-imħabba ta' Alla għalina, timbuttana lejH. L-imħabba tagħna lejn Alla ma tibqax iżjed marbuta mal-ebda raġuni oħra ħlief għal Alla nnifsu, għax hu Hu (ara kap. 6).

Fl-aħħar nett, l-ittra lill-Isqof ta' Dol, fl-aħħar kapitlu, tixħet aktar dawl fuq xi elementi spiritwali prattiċi li fra Ġwann qed ipoġġilu quddiemu. L-ewwel nett, l-ittra tiftaħ billi tagħtina tliet elementi importanti sabiex ruħna tkun "riformata," jiġifieri: a) li jkollna xewqa ferma li niġġeddu fi mħabbitna u li nagħmlu minn kollox biex, akkost ta' kollox, nissaffew mit-tinġis tad-dnub, b) li jkollna stima għolja ta' Alla filwaqt li nemmnu li Huwa aktar preżenti fina milli



*L-istained glass ġewwa l-katedral ta' Dol-de-Bretagne tal-Isqof Antoine Revol (l-ewwel wieħed mix-xellug).*

naħsbu, ċ) u li nemmnu bis-sħiħ li l-ħolqien kollu, inklużi aħna, huwa limitat mingħajr Alla. Wara dan, fra Ġwann jaqsam mal-Isqof numru ta' eżerċizzji żgħar li jista' jwettaq hu u sejjer matul il-ġurnata tiegħu. Pereżempju, fra Ġwann jissuġġerilu li malli jistenbaħ filgħodu jerfa' ħsiebu u qalbu lejn Alla u jimtela bi kliem ta' "tifħir, barka, u radd il-ħajr." Meta jqum iġib quddiem għajnejh il-qawmien ta' Lazzru mill-qabar u b'hekk iħalli warajh ħajja ta' mewt (vizzji) biex iħares 'il quddiem lejn ħajja ta' virtù. Qabel ma jibda jitlob l-Uffiċċju Divin, għandu jitlob biex ikun attent għal dak li qed jgħid. Jinsisti li għandu "bla mittiefes" *(inviolablement)* jiddedika kuljum siegħa għall-meditazzjoni jew l-orazzjoni mentali. "Qatt tħalli li tgħaddi ġurnata waħda mingħajr ma twettaq dan l-eżerċizzju divin," jinsisti fra Ġwann. Importanti daqs il-meditazzjoni huwa l-eżami tal-kuxjenza li wkoll jenfasizza mal-Isqof li għandu jagħmel ta' kuljum f'nofs il-ġurnata. F'waqtiet ta' nixfa spiritwali jew distrazzjonijiet, jinsisti li għandu jibqa' fil-preżenza ta' Alla, jippersevera fil-prattika tal-meditazzjoni, għalkemm bla ebda konsolazzjoni għall-ġisem jew għar-ruħ, u fuq kollox jistampa fuq qalbu l-immaġini ta' Kristu, Salvatur u Feddej tagħna. Wara kollox, dawn l-eżerċizzji żgħar – li permezz tagħhom, permezz tal-azzjonijiet konkreti tal-ħajja ta' kuljum ngħollu moħħna u qalbna l-ħin kollu lejn Alla –, iservu biex ngħixu ħajja diliġenti, b'atti żgħar imma frekwenti ta' mħabba, b'umiltà kbira, u, fuq kollox, biex quddiem Alla nidhru mneżżgħa u safja minn kull tinġis (ara kap. 8).